MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2012

Rikors Numru. 209/2011

**Grech Homes Limited (C-40650) u John Bonavia**
**(Karta ta' l-Identità bin-Numru 279464M)**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat mis-socjetà Grech Homes Limited u minn John Bonavia fit-13 ta' Settembru 2011 permezz ta' liema jitolbu li t-Tribunal jirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-1 ta' Lulju 2011 (Ref. IV 14251/2007; IR(S) 2732/2008) u konsegwentement jiddikjara li ebda ammont ma huwa minnhom dovut bhala boll u/jew boll addizzjonali lill-Kummissarju, bl-ispejjez kontra l-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghhom;

Ra l-verbali tas-seduti mizmuma s’issa quddiem it-Tribunal u in partikolari l-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Mejju 2012, fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-aggravju tan-nuqqas ta’ gurisdizzjoni tat-Tribunal sollevat mir-Rikorrenti;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti jitolbu li t-Tribunal jirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-1 ta’ Lulju 2011, permezz ta’ liema rrifjuta in parte l-oggezzjoni taghhom ghall-Likwidazzjoni originali mahruga kontrihom u wara li l-ammont originali minnu mitlub bhala taxxa u taxxa addizzjonali gie ridott in segwitu ghal rivalwazzjoni maghmula minn Perit inkarigat mid-Dipartiment, irreveda tali Likwidazzjoni w iddetermina li hija minnhom dovuta s-somma ta’ €9,850 bhala taxxa pura u s-somma ulterjuri ta’ €9,850 bhala taxxa addizzjonali in konnessjoni ma’ l-akkwist tad-dar Nru.51, Triq il-Biedja, già Triq ir-Rahhala, Manikata, limiti tal-Mellieha, bis-sahha ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Abela datat 2 ta’ Ottubru 2007, u konsegwentement jiddikjara li ebda ammont ta' taxxa u/jew taxxa addizzjonali ma hu dovut minnhom.

Ghalkemm ir-Rikorrenti jitolbu li t-Tribunal jirrevoka l-imsemmija decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u konsegwentement jiddikjara li ma ghandhom ihallsu ebda taxxa pura ulterjuri u/jew taxxa addizzjonali, fir-Rikors ta’ l-Appell taghhom jissollevaw is-segwenti aggravju: *fl-ewwel lok, bl-ikbar rispett, l-appellanti jissollevaw il-kwistjoni ta’ nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ dan it-tribunal ai termini ta’ l-artikolu 16 tal-Kap.364, stante illi “**l-azzjonijiet kollha ghall-gbir ta’ kull taxxa li ghandha tithallas u ta’ kull penali mwahhla taht dan l-Att, jittiehdu mill-Kummissarju quddiem il-qrati ta’ gurisdizzjoni civili**”*[1]. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jilqa’ ghal dan l-aggravju

[1] Para. 5 tar-Rikors ta’ l-Appell.

bis-sottomissjoni li *dan it-Tribunal huwa forum kompetenti sabiex jisma' l-ilment tar-rikorrenti*.

Ma hemmx dubju li qabel ma jigi trattat il-meritu proprio ta' dawn il-proceduri jehtieg li jigi indirizzat u trattat l-aggravju preliminari sollevat mir-Rikorrenti.

Ghalkemm ai termini ta' l-Artikolu 3(2)(b) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, applikabbli ghal dan it-Tribunal bis-sahha ta' l-Artikolu 6 ta' l-imsemmi Att, it-Tribunal ghandu jaghti decizjoni wahda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti fil-kawza, kemm jekk ikunu ta' natura preliminari, procedurali jew sostantiva, fil-fehma tat-Tribunal fil-kaz in ezami dan il-principju partikolari ta' imgieba amministrattiva tajba ma jistax jigi applikat. Ladarba bl-aggravju preliminari taghhom ir-Rikorrenti qed ipoggu fid-dubju l-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal ghall-fini li jisma' u jiddetermina t-talba taghhom ghar-revoka tad-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ta' l-1 ta' Lulju 2011 u konsegwenti dikjarazzjoni li ebda ammont ta' taxxa u/jew taxxa addizzjonali ma hu dovut minnhom, it-Tribunal ma jistax jinjora dan l-aggravju u jipprocedi bis-smigh ta' l-appell fil-meritu u jaghti sentenza wahda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti f'din il-kawza. Ghalhekk, b'din is-sentenza preliminari se jigi trattat u deciz l-aggravju tar-Rikorrenti dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal.

Qabel ma jittratta dan l-aggravju però, it-Tribunal jaghmel referenza ghall-Ordni ta' Delega ta' Funzjonijiet relattiv ghall-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap. 517 tal-Ligijiet ta' Malta, ippublikat fil-harga tal-Gazzetta ta-Gvern ta' l-20 ta' Lulju 2012. F'dan l-Ordni jinghad illi *skond is-setghat moghtija mis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, il-Kummissarju tat-Taxxi bi qbil tal-Ministru responsabbli ghal finanzi, <u>qieghed hawn jiddelega d-drittijiet, id-doveri, is-setghat u l-funzjonijiet, inkluza r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern moghtija lilu mis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 3 ta' l-imsemmi Att, hawn aktar 'il quddiem imsejhin "id-drittijiet"</u>, kif gej: (a) id-drittijiet taht l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, <u>l-Att dwar it-Taxxa</u>*

*fuq Dokumenti u Trasferimenti, l-Att dwar il-Monte di Pietà, l-Ordinanza dwar Haddiema d-Deheb u Haddiema l-Fidda (Argentiera), l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti, u kull regolament maghmul tahtom, ghandhom ikunu vestiti fl-ufficjal li minn zmien ghal zmien jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali (Taxxi Interni)*[2]. *… Din l-Ordni u d-delegi maghmula tahtha ghandhom issehhu b'sehh mill-20 ta' Jannar 2012…*

Ai termini ta' l-Artikolu 3(5) tal-Kap.517 tal-Ligijiet ta' Malta *il-Kummissarju ghandu jkollu r-rapprezentanza legali u giudizzjarja tal-Gvern fid-dokumenti, atti giudizzjarji u azzjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-gbir ta' taxxa u ma' kull kwistjoni ohra li d-dipartimenti tat-taxxa jkollhom interess fiha, kemm-il darba dik ir-rapprezentanza ma tkunx giet delegata skond is-subartikolu (4).* Mill-precitat Ordni però johrog car li b'effett mill-20 ta' Jannar 2012, il-Kummissarju tat-Taxxi ddelega din ir-rapprezentanza giudizzjajra in kwantu rigwarda fost ohrajn taxxa li ghandha tingabar taht u kwistjonijiet ohra nascenti mill-Att dwar it-Taxxa Fuq id-Dokumenti u Trasferimenti, Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, lid-Direttur Generali (Taxxi Interni). Ghalhekk bis-sahha ta' dik l-Ordni l-interessi tal-Kummissarju tat-Taxxi fil-proceduri in ezami *qua* l-awtorità pubblika intimata, illum jinsabu vestiti fid-Direttur Generali (Taxxi Interni), b'dana li huwa d-Direttur Generali (Taxxi Interni) li ghandu jigi kkunsidrat bhala l-awtorità pubblika intimata minflok il-Kummissarju tat-Taxxi.

F'dan ir-rigward jigi ulterjorment osservat illi ai termini tar-Regolament 2 ta' l-Avviz Legali 173 ta' l-2012 – Regolamenti ta' l-2012 dwar l-Ekwivalenza ta' Certi Referenzi ghall-Karigi fid-Dipartimenti tat-Taxxa – *il-kliem imnizzel fl-ewwel Kolonna ta' l-iSkeda ghandu, f'kull att gudizzjarju jew azzjoni giudizzjarja u f'kull kommunikazzjoni notifikata jew indirizzata lil xi dipartiment tat-taxxa u f'kull kommunikazzjoni mibghuta minn xi dipartiment tat-taxxa, jitqies li huwa ekwivalenti u li ghandu l-istess tifsira u effetti legali bhall-kliem imnizzel fl-istess partita fit-tieni Kolonna ta' l-iSkeda dan b'mod illi l-*

[2] Sottolinear tat-Tribunal.

*kliem uzat fiz-zewg kolonni ta' l-istess partita ghandu jkollu l-istess tifsira u effett ghall-finijiet kollha tal-Ligi*[3]. B'hekk skond l-iSkeda ta' dawk ir-Regolamenti l-kliem jew ahjar desinjazzjoni "Kummissarju tat-Taxxi Interni" hija ekwivalenti ghad-desinjazzjoni "Direttur Generali (Taxxi Interni)".

Fid-dawl ta' tali ekwivalenza ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi bejn id-desinjazzjoni "Kummissarju tat-Taxxi Interni" u "Direttur Generali (Taxxi Interni)" jirrizulta b'mod car li nonostante d-delega mwettqa bl-Ordni ppublikat fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern ta' l-20 ta' Lulju 2012, ma hemmx il-htiega li ssir korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri odjerni.

Trattata din il-kwistjoni jehtieg issa jigi trattat l-aggravju sollevat mir-Rikorrenti dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal ai termini ta' l-Artikolu 16 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu tal-Ligi fuq liema r-Rikorrenti jibbazaw dan l-aggravju tagghom jipprovdi li: *(1) Hlief kif provdut espressament xort'ohra, il-penalitajiet kollha li jistghu jigu imposti taht dan l-Att ghandhom jigu imposti mill-Kummissarju u ghandhom jithallsu lilu, u l-azzjonijiet kollha ghall-gbir ta' kull taxxa li ghandha tithallas u ta' kull penali mwahhla taht dan l-Att, jittiehdu mill-Kummissarju quddiem il-qrati ta' gurisdizzjoni civili, u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 60A ghandhom japplikaw dwar dik il-penali jew taxxa. (2) Izda ma jinbdew ebda procedimenti kontra min ikun naqas jekk fi zmien hmistax-il jum mill-avviz moghti lilu mill-Kummissarju jhallas it-taxxa li jkollha tithallas fuq id-dokument flimkien ma' l-inqas wahda mill-penalitajiet dovuti skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att. (3) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ma jghoddux ghall-kazijiet li fihom il-proviso li hemm ghall-artikolu 11 jghodd, jew fejn, fil-fehma tal-Kummissarju, in-nuqqas ma jkunx penalizzat bizzejjed bl-ghoti ta' l-inqas penali dwaru*.

Ghalkemm ir-Rikorrenti jibbazaw dana l-aggravju taghhom fuq dak provdut fl-Artikolu 16 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta'

[3] Sottolinear tat-Tribunal.

Malta, minn ezami ta' l-atti processwali jirrizulta immedjatament evidenti li l-proceduri odjerni ma humiex proceduri istitwiti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni/Direttur Generali (Taxxi Interni) kontrihom ghall-gbir tat-taxxa u taxxa addizzjonali/penali li gew imposti fuqhom ai termini ta' l-Artikolu 52 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta in konnessjoni ma' l-akkwist tad-dar Nru.51, Triq il-Biedja, già Triq ir-Rahhala, Manikata, limiti ta' Mellieha, izda huma proceduri istitwiti mir-Rikorrenti stess fil-konfront tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), ghar-revizjoni, u senjatament ghar-revoka, tal-Likwidazzjoni riveduta minnu mahruga fil-konfront taghhom.

Di fatti dawn il-proceduri gew istitwiti mir-Rikorrenti ai termini ta' l-Artikolu 58 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, kif minnhom stess affermat fl-ewwel paragrafu tar-Rikors ta' l-Appell taghhom, u ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-proceduri li qual' volta jista' jistitwixxi d-Direttur Generali (Taxxi Interni) kontra t-*tax payer* ai termini ta' l-Artikoli 16 u 60A tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artkolu 60A[4] tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, li ghalih jaghmel referenza l-Artikolu 16 ta' l-Att, jipprovdi li: *(1) Likwidazzjoni li tkun finali u konklusiva skont l-artikolu 60 hija titolu ezekuttiv fi hdan it-tifsira u ghall-finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili; (2) Jekk taxxa u, jew taxxa addizzjonali u, jew imghax ma tithallasx kif preskritt f'dan l-Att, il-Kummissarju ghandu jinnotifika nota ta' talba lill-persuna responsabbli ghall-hlas, u jekk ma jsirx il-hlas fi zmien hmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' dik in-nota ta' talba, il-Kummissarju jista' jinforza l-hlas bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1), wara jumejn min-notifika ta' intimazzjoni ghall-hlas maghmula permezz ta' att gudizzjarju*.

L-Artikolu 60 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *meta ma tkun saret ebda oggezzjoni jew appell validu kontra likwidazzjoni, jew meta l-ammont tat-taxxa jkun gie*

[4] Introdott bl-Att IV ta' l-2011 – l-Att ta' l-2011 li Jimplimenta Mizuri ta' l-Estimi.

*miftiehem skond l-artikolu 56(2), jew meta l-ammont ta' taxxa u taxxa addizzjonali jithallas skond l-artikolu 52 ta' l-Att, ghar-rigward dik it-taxxa u t-taxxa addizzjonali hekk imhallsa, jew meta appell ikun gie irtirat jew cedut, jew meta l-ammont tat-taxxa li ghandha tithallas ikun gie stabbilit wara oggezzjoni jew appell, il-likwidazzjoni kif maghmula jew miftiehma jew kif stabbilita wara oggezzjoni jew appell, skond il-kaz, tkun finali u konklusiva ghall-finijiet kollha ta' dan l-Att: Izda ebda haga f'din it-Taqsima ta' dan l-Att ma ttellef lill-Kummissarju milli jaghti xi hlas lura jew milli jaghmel aggustament skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 62 jew milli jaghmel xi likwidazzjoni jew likwidazzjoni addizzjonali li ma timplikax li tinfetah mill-gdid xi kwistjoni li tkun giet deciza fuq appell.*

Min-naha l-ohra l-Artikoli 56 u 58 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu li:*(1) Jekk xi persuna notifikata jew li tintlaqat b'avviz ta' likwidazzjoni tkun tixtieq tikkontesta dik il-likwidazzjoni, hi tista' tapplika ghand il-Kummissarju ghal revoka jew ghal revizjoni taghha b'avviz ta' oggezzjoni bil-miktub li jispecifika r-ragunijiet ghall-oggezzjoni ghall-liwkidazzjoni u li jsir fi zmien tletin gurnata mid-data tan-notifika ta' l-avviz imsemmi qabel: Izda l-Kummissarju ghandu jtawwal l-imsemmi zmien skond kif ikun xieraq fic-cirkostanzi meta jkun sodisfatt li l-persuna ma setghetx tikkontesta l-likwidazzjoni minhabba nuqqas minn Malta, mard jew kull raguni xierqa ohra. (2) Meta xi persuna li tkun oggezzjonat ghal likwidazzjoni tiftiehem mal-Kummissarju dwar l-ammont ta' taxxa li ghandha tithallas dwar il-likwidazzjoni, din ghandha tigi emendata skond il-ftehim u l-avviz tat-taxxa li ghandha tithallas ghandu jigi notifikat lil dik il-persuna. (3) Jekk ma jintlahaqx ftehim kif provdut fis-subartikolu (2), il-Kummissarju ghandu jiddeciedi t-taxxa b'ordni bil-miktub u jinnotifika lill-persuna li toggezzjona avviz li hu jirrifjuta li jemenda l-likwidazzjoni kif mitlub minn dik il-persuna fi zmien tliet snin mid-data ta' meta jircievi l-imsemmi avviz ta' oggezzjoni* [Artikolu 56], u *(1) Kull persuna illi thoss ruhha aggravata b'likwidazzjoni, ma tkunx ftehmet mal-Kummissarju dwar l-ammont ta' taxxa li ghandu jithallas kif provdut fl-artikolu 56(1), tista' taghmel appell lit-Tribunal fi zmien tletin gurnata mid-data*

*tan-notifika lilha ta' avviz tar-rifjut tal-Kummissarju li jemenda l-likwidazzjoni kif mitlub* [Artikolu 58].

Mit-test ta' dawn il-provvedimenti tal-Ligi huwa ferm evidenti li l-Artikoli 60 u 60A tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement l-Artikolu 16 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jsibu ebda applikazzjoni fil-kaz in ezami.

Il-procedura kontemplata fl-Artikolu 58 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta u adottata mir-Rikorrenti fil-konfront tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum id-Direttur Generali (Taxxi Interni), hija procedura ghar-revizjoni amministrattiva ta' decizjoni ta' Awtorita pubblika, senjatament tal-Likwidazzjoni riveduta mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront taghhom, u ghalhekk ai termini ta' l-Artikolu 5 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, b'mod generali, u ai termini ta' l-Artikolu 58 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, b'mod specifiku ghall-Likwidazzjoni riveduta mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), ai termini ta' l-Artikolu 52 ta' l-ahhar imsemmi Kapitolu tal-Ligi, il-forum kompetenti biex jisma' u jiddetermina tali proceduri huwa appuntu dan it-Tribunal u mhux il-Qrati ta' Gurisdizzjoni Civili imsemmija fl-Artiklu 16 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-proceduri quddiem dan it-Tribunal huma intizi biex it-*tax payer* ikollu id-debita opportunità ulterjuri, wara li jressaq oggezzjoni ghall-Likwidazzjoni quddiem id-Direttur Generali (Taxxi Interni) u din ma tigix milqugha kif mitlub, li jitlob ir-revizjoni tal-Likwidazzjoni mahruga mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) fil-konfront tieghu. Dawn il-proceduri jistghu jigu istitwiti biss mit-*tax payer* kontra d-Direttur Generali (Taxxi Interni) u mhux vice versa, u l-iskop taghhom huwa biss dak ta' revizjoni u mhux ukoll ta' kundanna hlas f'kaz li it-talba tat-*tax payer* ghar-revizjoni tigi michuda jew milqugha in parte biss.

Din l-ahhar osservazzjoni ssib konferma f'dak provdut fl-Artikolu 58(4) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta: *bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), it-Tribunal*

*ghandu jikkonferma, inaqqas, izid jew jannulla l-likwidazzjoni jew jaghmel dak l-ordni dwarha li jidhirlu xieraq, izda kull tnaqqis jew zieda bhal dawk jistghu jsiru biss dwar dawk il-partijiet tad-decizjoni tal-Kummissarju li kontra taghhom ikun sar appell.*

Ghaldaqstant jigi ribadit li ladarba r-Rikorrenti jridu u qed jikkontestaw l-Likwidazzjoni mahruga kontra taghhom mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), wara li laqa' in parte l-oggezzjoni taghhom ghall-Likwidazzjoni originali, u qed jitolbu r-revizjoni, senjatament ir-revoka, taghha, huma ghandhom jirrikorru quddiem dan it-Tribunal stante li huwa l-forum kompetenti ai termini tal-Ligi.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jichad l-aggravju tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni Tieghu sollevat mir-Rikorrenti u jornda l-prosegwiment tal-kawza fil-meritu.

L-ispejjez marbuta ma' din id-decizjoni ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrenti Grech Homes Limited u John Bonavia.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------